



# Il-Maskli

SALVU SAMMUT

Il-festi li jsiru f'pajjiżna, jekk jiġu ċċelebrati, kif inhu xieraq, jekk il-poplu jġib ruħu ta' edukat u jifhem is-sinifikat tal-festa, veru għandu biex jitpaxxa bil-kwantita ta' kultura u patrimonju li huma l-festi fihom infushom.

L-antenati tagħna taw kollox biex ikabbru l-festa u għamluha dik li hi llum. Il-poplu mhux dejjem kien fil-pożizzjoni li jħallas għar-rikkezzi li jeżistu fil-knejjes tagħna, imma ħallas. Għamel il-knejjes tagħna teżor.

Ħal Lija hija żgur mudell ta' dan għaliex tħaddan knisja stupenda. Imma llum sejjer nieħu aspett ieħor tal-festa.

Se nieħu parti żgħira min-nar li jsir fil-festa tas-Salvatur. Jekk insemmi n-nar riċenti, m'għandix għalfejn nikteb għax is-suċċessi jafhom kulħadd.

Jekk f'Ħal Lija, l-festa tas-Salvatur, il-prinċipal hija l-knisja, ta' wara huwa n-nar. Tkun qed titkellem, u tgħid li int min Ħal Lija mill-ewwel jgħidulek li intom fost l-aqwa għall-logħob tan-nar. Ma jeżistix xi forma ta' murtal, tal-bomba, beraq jew tal-kulur li f'Ħal Lija ma rajniehx, jew ivvintajnieh. Dan ma ġiex mix-xejn. Ġie bil-għaqal, serjeta u dedikazzjoni li joffru l-membri ta' l-Għaqda tan-nar San Mikiel.

Madwar 80 sena ilu beda jsir l-użu ta' dawk li ngħidulhom maskli. Dawn kienu jkunu tal-ħadid, azzar, jew tal-bronż. Kien hemm minnhom li kienu jkunu bil-manku biex wieħed jista jġorrhom. Kienu jkunu kobor ta' 4, jew 6 pulzieri. Il-maskli llum spiċċaw ħadulhom

*Ikompli f'pagna 64*



**Tliet maskli differenti fil-qies u fil-kobor, dawn kienu jimtlew bil-porvli u jiġu sparati fuq iz-zuntier. Tidher it-toqba fejn titpoġġa il-miċċa.**









Żewġ maskli aktar ta' saħħa għaliex magħmula mill-bronż. Ta' min jinnota wkoll id-disinn li kien ikollhom, b'xi drabi ukoll l-arma ta' Gran Mastru









**Fuq iż-zuntier in-naħa tal-librerija, jew in-naħa tal-kurċifiss, jidhru disinni tal-maskli kif kienu jkunu, skjerati lesti biex jiġu maħruqa, biex wieħed jieħu idea ta kif kienu jkunu.**

*Ikompli f'pagna 63*

posthom il-bombi tat-trikki trakki jew kif nafuhom aħna l-bombi tal-bjut. Dawn il-maskli jafu l-oriġinalita tagħhom minn żmien ix-xwieni, jew dawk il-vapuri li kienu jbaħħru bil-qlugħ, bis-saħħa tar-riħ jew bl-ilsiera, li kienu jaqdfu tul il-vjaġġ kollu. Il-maskli kienu jintużaw biex isir messaġġ minn vapur għall-ieħor skond kull tfaqqija, jew tir, tkun tfisser il-kelma jew il-messaġġ li jridu jagħtu x-xwieni. Dak iż-żmien ma kienx hemm, jew wireless jew radar.

Dawn il-maskli kienu jkunu mħaffrin fin-nofs, u b'toqba fejn titfaċċa l-miċċa u fin-nofs kien jigi ppressat il-porvli li jkun imiss mal-miċċa. Fi tfuliti konna nippressawhom fil-kmamar li hemm fuq iz-zuntier, fejn jitpoġġa l-bankun, u l-faċċata tal-knisja, meta tkun żarmata. Niftakar lil Salvu s-Sagristan u lil ħuħ Ġużeppi jew lis-Sur Aġius. Is-Sur Ġużeppi Agius kien surmast tal-iskola, li meta rtira daħal b'ruħu u ġismu u offra l-ħin kollu tiegħu lejn il-knisja jgħin u jagħmel kull bżonn.

Dawn il-maskli wara li konna nikkargawhom konna npoġġuhom f'serbut fuq iz-zuntier, xi 60 wieħed, xi 6 pulzieri bogħod minn xulxin. Wara npoġġu l-porvli fl-art b'landa li kellha zennuna biex wieħed jieħu wara l-ieħor. Ta' min ifakkar li dawn il-maskli kienu jiġu sparati fuq iz-zuntier qabel ma sar il-paviment taz-zuntier. Kif appena sar il-paviment il-ġdid dawn il-maskli waqfu milli jiġu sparati, peress li kienu jagħmlu sinjal iswed fl-art, meta jiġu maħruqa.

Kienu jiġu sparati fil-festa ta' San Alwigi, fis-27 ta' Lulju mal-ħruġ tal-vara min-niċċa, fit-tridijiet u fit-Te Deum. Aktarx li għad fadal minnhom dawn il-maskli u qegħdin fis-sagristija tas-Salvatur il-Qadim. Naħseb li għadhom jintrefgħu u jiġu esebiti x'imkien. Kollox ma kollox huma parti mill-istorja tar-raħal tagħna.

Fiz-zmien li l-maskli kienu jinħarqu minn fuq iz-zuntier, it-triq il-ġdida kienet għadha ma nfetħitx, konna nkunu partita tfal nistennew taħt l-għatba taz-zuntier biex fil-ħin naraw dawn il-maskli jinħarqu. Kien eċitament li tarahom jieħdu wieħed wara l-ieħor, b'dik it-tifqiha u b'dik id-daħna. Kellhom is-sabiħ tagħhom, kellhom l-eċitament. Konna nistennewhom minn sena għall-oħra bħal kull oġġett ieħor. Illum it-teknologija kibret u kollox kompjuterizzat, u għalkemm ċertu xogħol u preparamenti spiċċaw, qatt ma jien ser ninsa s-sabiħ tal-passat. Il-maskli, li tant konna niġġennu għalihom.



